MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2010

Numru 253/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Stephen Mallia)**

**Versus**

**Otis Cassar**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Otis Cassar ta' 33 sena, iben Jospeh u Rose nee Galea, imwieled il-Pieta' fl-4 ta' Settembru, 1972 u li joqgħod fil-fond Blokk 2,Flat 7, Trqi San Ġwann, Valletta jew numru 44 Triq Santa Marija Hamrun. Karta tal-identita' numru 377172(M)

Akkużat talli:

(a) Fit-12 ta' Diċembru 2005, f'xi ħin bejn it-tmienja neqsin kwart ta' filgħodu u l-ħasa u kwart ta' filgħaxija fi Triq

Ġlormu Cassar, Floriana, bil-ħsieb li jikkomeeti delitt wera dan ilħsieb b’atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta’ delitt ta’ serq minn ġo vettura tal-marka Daewoo Matiz bin-numru tar-reġistrazzjoni FBO 037, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta’ tiegħek u liema delitt ta’ serq li kieku seħħ kien ikun aggravate bil-mezz u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-dannu ta’ Angele Cilia minn Birkirkara;

(b) talli fl-istess data, lok, ħin u ċirksotanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għaraq ħwejjeġ ħadd ieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara hi ta’ iżjed minn għaxar liri Maltin (Lm10) iżda anqas minn ħamsin lira MAltija (Lm50) u cioe’ fl-istess vettura tal-marka Daewoo Matiz bin-numru tar-reġistrazzjoni FBO 037 għad-detriment ta’ Angele Cilia minn Birkirkara.

(ċ) U talli rrenda ruħu reċidiv ai temini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta wara li nstab ħati b’sentenza mogħtija mill-Qrati tal-Maġistrati ta’ Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

2. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imptutat 3771 tas-ena 1972, il-fedina penali tal-imputat (fol 3 sa 11), il-kunsens tal-Avukat Ġenerali u tal-imputat sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, il-relazzjoni ta’ PC 186 Kristian Mintoff (a fol 25), is-sentenzi mogħtija fil-konfront tal-imputat ( fol 31 et) li kollha ngħataw fis-sena 1999 jew qabel u waħda minnhom (fol 46) hija probation waqt li meta ngħata piena din qatt ma eċċediet il-ħames snin u l-pieni kienu hekK; dik mogħtija fl-4 ta’ Ġunju 1999 – 18-il xahar priġunerija (l-aħħar jum ta’ priġunerija 3 ta’ Ġunju 2000;  dik mogħtija fil-25 ta’ Frar 1994 – 18-il xahar priġunerija u l-piena spiċċat fl-24 ta’ Frar 1995,  u l-aħaħr waħda kienet probation (li għaliha ma tgħoddx ir-reċidiva), il-ħatra tal-espert Joseph Mallia sabiex jieħu l-impronti diġitali tal-imputat u jagħamel eżami komparattiv mal-lifter li nstab fuq il-karozza (fol 54), ir-rapport jew l-okkorrenza (Dok O a fol 58), id-dok JM1 a fol 67, id-dokument JM 3 a fol 69, id-dikjarazzjoni magħmula mid-difiża li ma kienx hemm bżonn li jittellgħu x-xhieda tal-identita’ tas-sentenzi

esibiti (fol 82) u s-sentenza esibita mid-difiża fl-ismijiet ‘Il-Pulizija (Spettur A Mallia) vs Omissis’ tat-12 ta’ Frar 2009..

3. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

4. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

5. Skont Angele Cilia, nhar it-12 ta’ Diċembru 2005, kienet ħalliet il-karozza tagħha fi Triq Ġlormu Cassar għall-ħabta tat-8.00 am. Fil-5.15 pm kienet rat id-dawl filpkarozza, il-bieba ma kenitx magħluqa sewwa u t-tieqa tax-ellug tal-passiġġier imkissra. Kien hemm ir-radio maqlugħ fuq it-tapit. Kien hemm żewġ marki ta’ llevar mad-dashboard. Il-ħsara kienet tammonta għal Lm35. In-numru tal-karozza kien FBO 037. Il-karozza kienet Daewoo Matiz silver.

6. Ir-rappreżentant tad-direttorat tal-liċenzji u testijeit tal-vetturi kkonferma l-karozza msemmija tgħajjat lil Angele Cilia Degiorgio ID 506975 (M). (fol 21).

7. PC 186 Kristian Mintoff xehed li huwa kien sab lifter fit-12 ta’ Diċembru 2005 għall-ħabta tas-6.00 pm. Fuq il-karozza msemmija. Dawn kienu xi marki ‘l fuq mill-bieba tan-naħa tal-passiġġier.

8. L-Ispettur Mallia xehed li s-sinjura Angele Cilia kienet marret id-dipartiment tal-forensika tal-Pulizija fejn dawn kienu għamlu eżamijiet fuq il-karozza.

9. Fl-istqarrija tiegħu l-imputat kien innega li kien involut fl-allegati reati. L-imputat aċċetta li jittieħdu l-fingerprints wara li kien mitlub kienx lest li jagħmel dan.

10.Xehed l-espert Joseph Mallia li għamel l-eżami komparattiv. Dan xehed li rriżultalu li l-fingerprints keinu jaqblu mas-sebgħa tan-nofs tal-id il-leminija u s-sebgħa taċ-ċurkett tal-id il-leminija.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

11. Il-prova tal-Prosekuzzjoni hija l-fingerprint tal-imputat li taqbel mal-lifter li kien ġie elevat minn fuq il-karozza.

12. M'hemmx dubju li dan hija tal-imputat u li l-lifter intrefa' mal-ewwel.
13. Id-difiża tissottometti li li wieħed jista' jkun għaddej u jolqot il-karozza jew li l-impronta diġitali setgħet tħalliet qabel. Qalet ukoll li l-impronta diġitali għandha lifteme twila.

14. Bir-rispett kollu, il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument.

(a) Effettivament, trid tkun altru kumbinazzjoni li tolqot karozza b'subgħajk u dak in-nhar stess isseħħ serqa.

(b)It-tieni, jekk tolqot karozza b'subgħajk, aktarx li tagħmel dan bin-naħa ta' barra tal-id u mhux bin-naħa ta' ġewwa.

(ċ)It-tielet, il-fatt li din l-impronta nstabet barra u mhux ġewwa hija loġika ħafna għax l-ewwel li tmiss biex tipprova tiftaħ xi karozza huwa n-naħa ta' barra ta' karozza u mhux ġewwa.

(d) Ir-raba' hemm aktar ċans li tinstab impronta diġitali fuq in-naħa ta' barra tal-karozza milli fuq in-naħa ta'ġewwa minħabba t-tip ta' materjal li jkollhom ċerti karozzi

(e) Fl-aħħarnett hemm it-teorija matematika tal-probabilita' – li hija eżatta daqs it-teorema ta' Pythagoras jew li l-exterior angle of a cyclic quadrilateral huwa ndqas l-opposite interior angle – u li jirrikjedi denominator fenomenali biex fl-istes jum li jsir reat huwa jgħaddi jħakkek mal-karozza tal-allegata vittma (minn tant karozzi) u jħalli l-impronti diġitali tiegħu ta' ġewwa. Dan il-Qorti ma tarahx probabbli fir-realta' speċjalment meta wieħed jikkonsidra dan kollu matematikament kif diġa' kellha ċans tagħmel il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-każ 'Il-Pulizija vs Spagnol.'

(f) Idumu kemm idumu l-fingerprints, il-karozza xi darba qabel it-12 ta' Diċembru nħaslet minn sidha u jekk sidha ma ħasilhiex, dan kien fi żmien ix-xitwa u dak li tkun naqset li tagħmel sidt il-karozza tieħu ħsiebu x-xita.

15. Għalhekk il-Qorti mhix taċċetta l-argumenti tad-difiża dwar s-sejbien tal-impronti diġitali.

16. Fuq bażi legali d-difiża ssottomettiet s-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Omissis' fejn intqal hekk:

***'F'dan il-każ ma rriżultax l-impożizzjoni ta' xi forza estranea ta' xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu, fuq il-volonta' tal-appellant u sħabu bħal. Per eżempju, xi 'hue and cry' mill-ġirien jew il-wasla fuq il-post tal-Pulizija li sfrattaw is-serqa inċipjenti.***

***Issa skont l-artikolu 41(1)(b) tal-Kap 9, jekk id-delitt ma jkunx ġie esegwit minħabba li l-ħati jkun waqaf minn rajh milli jikkonsma d-delitt, jeħel il-piena għall-atti li jkun laħaq għamel, jekk dawn ikunu jikkostitwixxu delitt skont il-Liġi.'***

17. Il-Qorti m'għandha ebda dubju li kien l-imputat li qala' r-radju minn postu u ħallieh fuq it-tapit u kien l-imputat li għamel il-ħsarat.

18. Issa skont in-Noti tal-Professur Mamo:

***<u>'Contrectatio consists in removing the thing from the place in which it was: therefore as soon as there has been such removal, the theft is complete. It is consequently not necessary that the thing be carried away from the room or the house of the owner' u (paġina 270)</u>***

u a fol 272 il-Professur Mamo jkompli:

***<u>The first theory i.e. Carrara's theory which, as we have said, is generally adopted by our Courts, more</u>***

***<u>severe and strict though it undoubtedly is, has the merit of providing a fixed and invariable criterion…..</u>***

***<u>According to it the theft is completed as soon as the thief has laid hands on the thing which he intended to steal and has removed it with such intent from the palce where the owner has put it.'</u>***

19. Jekk wieħed isegwi din it-teorija, ġaladarba r-radju nqala' minn postu – fejn kienet ħallietu sid il-karozza – allovolja dan instab fuq it-tapit, is-serq kien sar.

20. Għalhekk, waqt li tassew ma nġiebet ebda prova li kien hemm 'xi hue and cry' meta l-imputat waqaf milli jkompli għaddej bil-ħidma tiegħu huwa kien leħaq :

(a) Teknikament, jiġifieri ai fini tat-tifsira ta' 'contrectatio' kif dejjem imxew il-Qrati tagħna, seraq ir-radju għalkemm dan kien fuq t-tapit ġaladarba r-radju ma kienx f'postu.

(b) Għamel il-ħsarat.

21. Dwar l-ewwel reat il-Prosekuzzjoni tat l-imputazzjoni ta' tentattiv ta' serq u għandhom japplikaw l-artikolu 41(1)(b), 284 u 285 tal-Kap 9.

22. Dwar it-tieni reat japplika l-artikolu 325(1)(ċ) tal-Kap 9 b'dan pero' li din it-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni minħabba li l-ħsara saret għax din kienet mezz għall-fini.

23. Dwar l-addebitu tar-reċidiva, il-Qorti dan ma jissussistix għaliex s-sentenzi esibiti jew hemm liberatorju bi probation jew inkella leħqu għaddew il-ħames snin mit-tmiem ta' meta l-imputat serva s-sentenzi tiegħu. Għalhekk il-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-addebitu tar-reċidiva.

**Konklużjoni**

**24. Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 17(h), 41(1)(b), 261 (b) (g), 278 (2) u 325 (1) (c), 49 u 50 tal-Kap 9 qed issib lill-**

**imputat ħati tal-ewwel u t-tat-tieni imputazzjoni b'dan pero' li t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni u qed tilliberah mill-addebitu tar-reċidiva.**

25. Dwar il-piena, il-Qorti kkonsidrat li sas-sena 2002 kienet waħda voluminuża u fejn is-serq kien repetut. Għaldaqstant, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għal piena ta' priġunerija ta' tliet xhur.

26. Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez ta' l-espert mahtur mill-Qorti fil-morit al-kawza u li jammontaw ghal 481.02 Euro fi zmien sitt xhur u fin-nuqqas ta' tali hlas, dawn jinbidlu f'jum prigunerija ghal kull 11.65 Euro li ma jithallsux.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------